# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 17 ta’ Jannar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummisarju Ian J Abilla)**
**vs**
**Anthony Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Bezzina u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 655852(M).

Akkuzat talli nhar is-6 ta’ Dicembru, 2000 u f’dati precedenti f’Hal Qormi b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ LM4750 bi hsara tas-socjeta Bonnici & Zahra Limited.

U aktar talli fl-istess cirkustanza, appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn kwantita’ ta’ membrane ghal valur ta’ LM4750,

li gew fdati jew ikunsinnata lilu taht titolu illi igieb mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.

B'hekk hu jitqies li jsir recidiv ghat-terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie ikkundannat ghal reati b'sentenza mill-Qrati tal-Appell fit-2 ta' Frar, 1996.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisafacjentment pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni ta'l-imputat, l-fedina penali u l-eta tieghu, kif ukoll id-dekors taz-zmien mid-data li fiha twettqu r-reati in ezami. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-qbil bejn il-partijiet li tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-imputat jista' jibbenefika mill-artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 293, 309 u 310(1)(a)[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[1] Peress illi b'emendi li saru fil-Kapitolu 9 wara id-data li fihom sehhew il-fatti tal-kaz il-piena saret aktar oneruza l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li kienu jipprovdu dawn l-artikolu fiz-zmien li sehhew ir-reati.